MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 856/2008

**Lombard Bank Malta Plc – C 1607**

**vs**

**Vanessa Scerri Worley nee' Agius ID 231781M**
**u l-Avukat Dr. James Scerri Worley ID 12280M**
**ghal kull interess li jista jkollu.**

**It-Tribunal,**

**Ra** l-AVVIZ formulat hekk:-

1. Il-konvenuta kienet impjegata bhala supervisor mal-Bank attur u f'Novembru 2006 il-Bank attur bi zball, u quindi indebitament hallasha s-somma ta' elfejn, seba' mija hamsa u ghoxrin Ewro sebgha u tlettin centezmi (€2725.37c) net mit-taxxa. Meta l-Bank attur induna bl-izball tieghu talab rifuzzjoni minghand l-konvenuta izda din irrifjutat u ma hallset xejn.

2. Il-Bank attur ghalhekk jitlob li dan it-Tribunal jikkudanna lill-konvenuta tirrifondilu s-somma ta' €2725.37c ghar-ragunijiet premessi, bl-imghax mill-prezenti sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Ra** r-RISPOSTA kif gej:-

1. Preliminarjament l-eccepjent Dr. James Scerri Worley ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi mhuwiex il-legittmu kontradittur fir-rigward tal-azzjoni attrici, in kwantu l-kwistjoni involuta tirreferi ghall-impjieg tal-konvenuta l-ohra fiz-zmien li kienet ghadha xebba.

2. Illi minghajr pregudizzju, fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi l-ammont mitlub mhuwiex dovut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dan il-hlas kien dovut lill-konvenuta Vanessa Scerri Worley akkont tal-bonus taht il-Ftehim Kollettiv vigenti.

**PROVI**

A1 a) Il-Bank l-ewwel ma ressaq kien affidavit ta' **Joseph Azzopardi** li fl-2006 kien il-kap tad-Dipartiment tal-*Internal Audit*. In succinct qal hekk:-
i) Il-konvenuta, f'Lulju 2004, qalbet l-impjieg ghal kuntratt indefinit, li kien jintitolaha ghall-kondizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv mal-MUBE. F'Gunju 2006 giet promossa ghal Supervisor B u kompliet xoghlha fl-Internal Audit tal-Bank.
ii) Minn meta qalbet ghal kuntratt indefinit kienet intitolata ghal LM900 *per annum* minhabba l-B.Com (Homs) u f'Ottubru 2006 gabet l-MA Fin.Serv.
iii) Il-Ftehim Kollettiv kien jahseb ghal ghoti ta' flus f'kaz ta' otteniment ta' kwalifiki u fil-fatt ix-xhud esibixxa **estratt relativ** mill-Ftehim (*a fol* 10 *et seq*). Kompla hekk dwar l-konvenuta:
…. Talbet tinghata LM1800 bhala somma ta' darba biss, talba dipendenti fuq jekk il-bank jirrikonoxxix l-MA fis-

Servizzi Finanzjarji bhala kwalifika li tintitolaha ghal dan il-pagament.
iv) Dan id-*degree* mhux fost il-kwalifiki elenkati fil-Ftehim u allura kollox kien imholli fid-diskrezzjoni tal-bank. Ix-xhud, bhala kap tat-taqsima tal-audit, irrikmanda t-talba tal-konvenuta, izda, **enfasizza** li d-decizjoni finali kellha tkun f'idejn il-Management.
v) Meta t-talba giet f'idejn il-*Management*, inkluz is-CEO li finalment ikun hu li jiddeciedi gie konfermat li l-konvenuta ma kienetx intitolata ghal dak li talbet u l-applikazzjoni ma ntlaqghetx. Fl-24 ta' Novembru 2006 hu kkommunika dan lill-konvenuta. L-ghada, cemplitlu u qaltlu li minkejja dak li kien qalilha fil-jum ta' qabel kienet irceviet is-somma ta' Lm1170 fil-kont taghha (l-ammont net meta titnaqqas it-taxxa dovuta). Hu qalilha li dan kien sar bi zball darba li t-talba ma kienetx intlaqghet.

2 Mill-istharrig mad-dipartiment tal-*Human Resources* sab li dan kellu kollox imhejji ghall-hlas, billi kien jahseb li t-talba ser tintlaqa'. Dana kollu sar bi zball ghax zmien qabel l-24 ta' Novembru 2006 dan id-dipartiment kien avza lil Megabyte Ltd (li jihdu hsieb is-salarji) biex jippreparaw il-hlas.

3 Il-Human Resources meta avzaw lill-Megabyte Limited biex izommu l-hlas sabu li dan kien ga sar. Allura fid-29 ta' Novembru 2006 ix-xhud kiteb lill-konvenuta, fakkarha x'kien gara u stante l-izball, qalilha tirrifondi l-flus.

4 Sar zball simili fil-kaz tal-impjegat Robert Aquilina u dan ragga lura l-flus bla problemi. Inqala kaz simili, ta' Michael Borg, li t-talba tieghu ma gietx allura milqugha. F'dawn il-kazi ma nholqot ebda problema mal-union tal-haddiema.

5 a) In kontro-ezami kkonferma li hu kien is-superjur immedjat tal-konvenuta u li deherlu li ta' d-"degree" li hadet kellu jirrakkomandaha, kif ghamel – Dok Pl1 (*a fol* 48). Din giet approvata mill-General Manager u **sarulu struzzjonijiet biex isir il-hlas**. Allura hu tkellem mal-

Human Resources biex jorganizzaw kif kellu jsir il-hlas. Zied:-

"… pero' nghid illi kienet ghad trid tghaddi ghand is-CEO".

b) Fl-24 ta' Novembru 2006 huma marru ghand is-CEO **u dan ma approvahiex**. Stqarr li marru ghandu ghax kien hemm l-**approvazzjoni fin-nofs** u mhux "biex issir cerimonja formali".

c) Hu ma jafx li kien hemm xi oggezzjoni mill-Union. Ma kiex involut f'xi laqghat li setghu saru bejn Union u Management.

6 Finalment qal li l-General Manager kien Graham Fairclough u s-CEO Joseph Said. Is-CEO jigi fuq il-General Manager u dan jigi fuq il-Managers l-ohra.

B1 **<u>Joseph Said</u>**, Chief Executive fil-Bank attur in succint qal:-

a) Meta haddiem kien jottjeni kwalifiki elenkati fil-Ftehim Kollettiv kien ikun intitolat ghal bonuses jew pagamenti.

b) Meta haddiem jikseb kwalifiki ohra mhux fl-elenku msemmi l-haddiem kien japplika biex jara l-Bank jaghmilx eccezzjoni u jtihom ukoll xi pagament. Min japplika verbalment u min bil-miktub. **Kollox finalment irid jasal ghand ix-xhud.**

2 Ix-xhud esibixxa l-Ftehim Kollettiv fl-intier tieghu – Dok JS1 *a fol* 18 *et seq*. Il-konvenuta kienet applikat ghal rikonoxximent billi l-kwalifika taghha ma kienetx fost dawk elenkati fl-Appendix C tad- Dok JS1. Ikkunsidrawha u deherilhom li ma kienetx valida.

3 Ix-xhud iddettalja kif gej:-

"Irrid nispjega illi l-ispirtu tal-ftehim kollettiv huwa illi l-imjegati tal-Bank ikomplu bl-istudji taghhom biex ikomplu jimmiljoraw, naturalment u jottjenu kwalifiki relevanti anke ghas-settur bankarju pero' fil-kaz tal-konvenuta in kwistjoni, dina dahlet bil-kwalifika kwazi diga' ottjenuta u allura meta l-Bank impjega lill-istess konvenuta anke s-salarju taghha kien jirrifletti diga kwalifika li kellha jew li kienet appikat li tottjeni", u kompla

"Irrid nispjega li l-izball li gara kien wiehed purament klerikali, gie processat fiz-zmien meta jigi processat is-salarji, liema salarji ma jigux processati mill-haddiema tal-Bank stess ghalkemm ikunu preparati mill-haddiema tal-

Bank stess u bi zball din thallset l-ammont indikat fl-avviz”.
“Pero irrid nigbed l-attenzjoni wkoll tal-fatt li din il-konvenuta kienet infurmata b’dan l-izball qabel ma hi rceviet il-hlas jigifieri ghalkemm il-flus gew depozitati direttament fil-kont bankarju taghha fil-process ta’ transit kif insejhulu meta l-flus qed jigu trasferiti mill-kont tal-bank ghall-kont taghha personali hi diga kienet mgharrfa b’dan l-izball. Irrid nispjega wkoll li f’dan il-kas kien hemm tnejn minn nies li sar zball maghhom u l-parti l-ohra, l-persuna l-ohra fil-fatt irrifondiet il-flus lura”.

4 In kontro-ezami, mistoqsi l-konvenuta kienetx mhux semplici skrivana imma supervisor qal “ma niftakarx”. Kienet fl-Internal Audit u xoghlha ma kienx mal-counter. Is-Sur Fairclough kien allura General Manager u dan kellu **poter jiehu decizjonijiet**, “kollox jiddependi minn x’tip ta’ decizjonijiet”. Joseph Azzopardi kien il-Head Internal Audit Dept u ma jafx li dan kien approva t-talba tal-konvenuta. Kien <u>irrakkomandaha</u> u mxiet ghal quddiem ix-xhud ghall-approvazzjoni. Ix-xhud qal li hu ma jafx li s-Sur Azzopardi kien ghadda t-talba lil Mr Fairclough u dan kien <u>approvaha.</u>

5 Ix-xhud m’approvax it-talba in vista tal-klawsola 27 tal-Ftehim Kollettiv. Min jirrakkomanda, jara l-kaz mil-lenti tad-dipartiment tieghu mentri hu jara l-kaz mill-perspettiva kollha. Il-“first degrees” igibu l-*allowance* kwazi awtomatikament imma ghas-“second” hemm id-diskrezzjoni tal-Bank.

6 Spicca jghid hekk:-

“Jien nghid illi l-General Manager ma kellux l-awtorita’ li japprovaha. Finalment jiena kelli d-dritt illi napprovaha. Irrid nispjega illi l-awtorita’ qeghda ghandi u f’dan il-kuntest illi qed nghid dan. Mistoqsi jekk il-General Manager kellux l-awtorita’ illi japprovaha, jiena nghid illi f’dak il-kuntest le ma kellux l-awtorita illi japprovaha”.

C1 **<u>Graham Fairclough</u>** qal li fl-2006 hu kien General Manager tal-Bank kollu bil-funzjoni ta’ sorveljanza fuq il-Bank kollu.

2 Hu kien issieheb (u ffirma) r-rakkomandazzjoni maghmula fid Dok PL1 (*a fol* 48). L-istruttura tal-awtorita kienet fuq tliet livelli:

- Il-persuna li ghamlet ir-rakkomandazzjoni (Azzopardi)
- Il-General Manager (ix-xhud)
- CEO (Joseph Said)

Wara li rakkomandazzjoni jiffirmaha hu, is-sistema kienet li din tmur ghand is-CEO ghall-approvazzjoni tieghu. X'sar f'dal kaz ma jiftakarx. Jiftakar izda li l-process baqa ghaddej bi zball. Seta kien hemm diskors, qabel l-approvazzjoni, li l-fondi jinghataw bi prezentazzjoni.

3 Said kellu l-poter ma japprovax, u dana "minkejja r-rakkomandazzjoni tieghi u anke ta' tahti".

D1 **Il-konvenuta** bdiet biex esibiet bhala Dok VSW l-ittra, datata 6 ta' Dicembru 2006 li permezz taghha wiegbet lil J. Azzopardi ghall-ittra precedent tieghu li biha kien gharrafha li l-ghoti tal-bonus kien "erroneous" billi "the degree is not recognized by the collective agreement"

2 Hawn sostniet li l-MA kienet intitolatha ghal "one time bonus", *per* art 4 tal-Appendix C u dan kien konoxxut mill-Bank permezz tal-General Manager, u kollox konfermat bil-fatt li l-*quantum* kien akkreditat lilha flimkien mal-paga. Imbaghad hi kompliet biex elaborat dwar il-kontenut tal-istudji taghha u r-rilevanza ta' dawn ghall-bank. Spiccat tghid "The Bank cannot at this juncture conveniently decide to change its position".

3 Il-konvenuta spjegat li kien sejjhilha s-superjur taghha J. Azzopardi u wriha l-memo li permezz tieghu kien irrakkomanda l-ghoti tal-bonus, rakkomandazzjoni li kienet sottoskritta, firmata mill-General Manager Graham Fairclough

4 In segiwtu il-"one-time bonus" u hlasijiet ohra gew kreditati lill-konvenuta f'kont li kellha fil-Bank of Valletta. Bhalha sar ma Robert Aquilina li kellu l-istess "degree" taghha.

5 Il-pagi kien jiehu hsiebhom id-Dipartiment tal-Human Resources pero l-hlas kienet attwalment tieghu hsiebu kumpanija ohra. Wara qalulha li ma kellhhiex tircievi c-cekk ghax dan kien ga rifless fil-paga li kienet nghatatilha.

6 Hi kienet dahlet mal-Bank f'Gunju 2003 meta kellha ga l-B. Comm (Hons) u kienet ga applikat biex tidhol ghall-Masters.

7 Meta qamet il-kwistjoni kienu, hi u Robert Aquilina, ltaqghu ma Pierre Portelli tal-MUBE. Qalilha ma tirrifondi xejn lura ghax l-ispirtu tal-"collective agreement" kien car. Aquilina li ghadu jahdem mal-Bank attur, kien radd il-flus lura. Hi m'ghadhiex tahdem hemm.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

IT-TRIBUNAL iqis kif gej:-

1. Il-Bank qed isostni, fis-sustanza, li hlas tal-bonus sar bi zball ghax dan kellu jkollu l-approvazzjoni tal-oghla awtorita', jigifieri c-CEO u ma kienx bizzejjed li kien hemm ir-rakkomandazzjoni u approvazzjoni tad-Direttur tal-Audit Section (il-fergha fejn kienet assenjata l-konvenuta) u anke dik tad-Direttur Generali.

2. Ta min jinnota li l-hlas sar wara li gie osservat l-*iter* normali, jigifieri li dahlu fl-istorja d-Dipartiment tal-"Human Resources" li hallas, kif soltu, permezz ta' Megabyte Ltd. Fil-kaz tal-konvenuta l-bonus gie akkreditat lill-kont li kellha mal-Bank of Valletta.

3. Wiehed jiddistingwi bejn "degree" li jintitolah awtomatikament ghal hlas (dawk elenkati specifikatament fil-Ftehim Kollettiv) u "degrees" ohra, dawk oghla u hawn il-Bank jirritjeni li da parti tieghu kien hemm certa diskrezzjoni. Wiehed ma jistax iwarrab senz'altro din il-pozizzjoni imma altru impjegat ta' bank li jiehu Master f'suggett estraneju kompletament ghall-hidma tal-bank u altru MA fil-Financial Services li hu suggett mhux kompletament estraneju ghall-hidma bankarja. It-Tribunal

iqis li dan id-“degree” avanzat kien arrikkiment f’impjegat li jizvolgi l-hidma professjonali tieghu f’Bank.

4. It-Tribunal ihoss li meta l-approvazzjoni waslet sal-livell tal-General Manager u din qabdet l-*iter* normali li permezz tal-Human Resources Manager u l-Megabyte Ltd wassal ghal hlas fil-kont tal-konvenuta f’bank iehor (i.e. l-Bank of Valletta), dan il-pass kien munit bizzejjed b’awtorita’ biex il-Bank attur ikun ghamel pass vinkolanti vis-à-vis il-konvenuta. Wara kollox fil-Ftehim Kollettiv “Management” hu mfisser fid-DEFINIZZJONIJIET bhala “The Chief Executive Officer, General Managers and Assistant General Managers”.

5. Dan it-TRIBUNAL hu statutorjament investit bid-dover li jqis il-kazi mressqa quddiemu anke fid-dawl tal-ekwita’. Ghat-TRIBUNAL kien il-Management, fis-sens tal-Awtorita’ gholja tal-Bank li wassal ghall-hlas u f’din id-decizzjoni ma tiffigura ebda stramberija jew aberrazzjoni u ghandha, kif ga nghad, titqies bhala vinkolanti

6. Jekk, fost il-Management, kien hemm xi dizgwid, xi “misunderstanding”, dan jarah il-Bank attur internament izda qatt, b’sens ta’ gustizzja u b’sens ta’ ekwita’, m’ghandha tigi pregudikata l-konvenuta li, fic-cirkostanzi, ma hadet xejn *indebito*.

7. Il-fatt li Joseph Aquilina, li sab ruhu fl-istess cirkostanzi tal-konvenuta (izda, kuntrarjament ghaliha baqa mpjegat tal-Bank attur) radd lura l-flus ma jaffettwax.

8. Dwar l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, dik li l-konvenut Dr. James Scerri Worley ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi l-kwistjoni tirrigwarda impieg tal-konvenuta l-ohra fi zmien li kien ghadha xebba, it-TRIBUNAL m’ghandu ebda prova quddiemu u allura ser jichadha.

**DECIDE**

It-TRIBUNAL,wara li sama lid-difensuri u wara li qies dak kollu migjub hawn fuq jiddeciedi billi (1) **jichad** l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, (2) **jilqa** t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement jichad **it-talb tal-Bank attur (3) jikkundanna** lill-istess Bank attur ihallas l-ispejjes kollha tal-prezenti procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------